**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 t'Ottubru 2021**

**Talba Nru: 260/18 CZ**

**Christopher Caruana (ID 545378 (M)**

**vs**

**John Abela Limited (C 18181) u Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Ltd. (C 31341)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-6 ta' Gunju 2018 u li permezz taghha premettiet:

1. Illi l-attur kien impjegat tas-socjetajiet intimati.
2. Illi l-intimati waqfu li jhallsu ghax-xhur ta' Ottubru u Novembru 2017 kif spjegat ahjar fl-affidavit ta' l-attur hawn anness u mmarkat Dok. FG.

3. Illi l-ammont dovut mill-intimati lill-attur jammonta ta' elf u mitt Euro (€1,100).
4. Illi minkejja li gew interpellati ghall-hlas permezz ta' ittra ufficcjali numru 489/17 nhar it-28 ta' Frar 2017, l-intimati baqghu inadempjenti.

Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal jikkundanna lill-intimati jhallsu lill-attur is-somma ta' elf u mitt Euro (€1,100) in solidum bejniethom bl-imghax skond il-ligi u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 489/17.

Illi permezz ta' risposta prezentata fis-6 ta' Lulju 2018, is-socjetaja' konvenuta John Abela Ltd. wiegbet:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur qatt ma kellu ebda relazzjoni la guridika u lanqas kuntrattwali mas-socjeta' John Abela Limited u qatt ma kien impjegat maghha w ghalhekk hija ghandha tigi liberata;
2. Illi fit-tieni lok u interament minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, kwalsiasi talba ghall-hlas ta' paga hija se mai preskritta ai termini tal-artikolu 2147 (c) u (d) ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur ghandu jipprova t-talbiet tieghu fil-konfront tas-socjeta' esponenti u tal-mod ta' kif wasal ghall-ammont allegatament dovut;
4. Illi fil-kumplament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Illi permezz ta' risposta prezentata fis-6 ta' Lulju 2018 is-socjeta' konvenuta Alfaran Trasilers Maintenance & Logistics Services Limited wiegbet:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur qatt ma kien impjegat mas-socjeta' attrici w ghalhekk ghandu jipprova l-allegazzjoni tieghu;
2. Illi fit-tieni lok u interament minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, kwalsiasi talba ghall-hlas ta' paga hija se mai preskritta ai termini tal-artikolu 2147 (c) u (d) ta' Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Illi l-attur kien twaqqaf mis-servizzi tieghu meta nqabad jisraq numru ta' televisions li kienhu mghobbija fi trailers tas-socjeta' esponenti u dan hekk kif ser jirrizulta ahjar wat it-trattazzjoni ta' din it-talba u f'dak l-istadju l-attur kien jinsab debitur tas-socjeta' esponenti billi li kien hallas ghalih diversi oggeti/servizzi mill-visa cards tas-socjeta' esponenti u dan hekk kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni w ghalhekk ma kellha ebda kreditu;
4. Illi huwa l-attur li huwa debitur tas-socjeta' esponenti u dan hekk kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni;
5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur ghandu jipprova t-talbiet tieghu ta' kif wasal ghall-ammont mitlub;
6. Illi fil-kumplament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Ra wkoll il-kontro-talba tas-socjeta' Alfqaran Trailers Maintenance & Logistics Services Limited, li premettiet:

Illi l-attur kien jirrendi servizzi ta' trucking lis-socjeta' esponenti;

Illi waqt il-kors tas-servizzi tieghu huwa seraq numru ta' television sets propjeta' ta' klijenti tas-socjeta' esponenti u dan a dannu tas-socjeta' esponenti billi s-socjeta' esponenti kellha taghmel tajjeb ghat-televisions li nsterqu;

Illi in oltre waqt il-kors tas-servizz tieghu, l-attur hallas ghal uzu tieghu personali numu ta' servizzi/oggetti mill-visa cards tas-socjeta' esponenti f'ammont izjed milli kien dovut lilu ghas-servizzi tieghu u dan fl-ammont ta' sitt mija u disa' u tletin Euro u hames centezmi (€639.05), u dan hemm kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni;

Illi in oltre s-socjeta' esponenti kellha taghmel tajjeb ghal zewg television sets li seraq l-attur.

Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti umilment titlob li:

1. Tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lis-socjeta' esponenti s-somma ta' sitt mija u disgha u tletin Euro u hames centezmi (€639.05) oltre ammont li jrid jigi likwidata bhala l-hlas lis-socjeta' esponenti kellha taghmel ghal zewg televisions misruqa mill-attur;

Bl-ispejjez u bl-interess kummercjali sal-hlas effettiv  inkluz l-ispjjez tar-risposta ghall-ittra ufficcjali (166A) 489/2017.

Ra r-risposta tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontro-talba, imresqa fl-20 ta' Lulju 2018, li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament is-socjeta' rikonvenzjonanti trid tiddeciedi l-pozizzjoni legali tal-esponenti galadarba fl-eccezzjonijiet taghha qed tghid li l-esponenti ma kienx impjegat taghha;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost t-talbiet tas-socjeta' Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Limitd (C 31341) huma infondanti fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Ra wkoll illi b'sentenza tal-24 ta' Settembru 2019 it-Tribunal cahad it-tieni eccezzjoni mressqa minn kull wahda mis-socjetajiet konvenuti.

Ra l-affidavit tal-attur[1] u sema' x-xiehda ta' Joseph Saliba[2], Sefora Abela[3] u Miriana Busuttil[4].

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra:

Illi l-attur kien jaghmel xoghol ta' *truck driver* mas-socjetajiet konvenuti. Kuntratt ta' xoghol formali qatt ma kellu, izda kien jithallas regolarment f'ammonti simili mis-socjetajiet konvenuti, l-iktar minn dik bl-isem Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Ltd., kif jirrizulta wkll mill-i*statements* tal-bank li esebixxa flimkien mal-affidavit tieghu.

Illi s-socjetajiet konvenuti min-naha l-ohra eccepew li m'ghandhomx relazzjoni guridika mal-attur, u f'dan ir-rigward producew anke employment history tal-attur, u kif ukoll listi tal-impjegati taghhom fil-perjodi rilevant. Isem l-attur ma jidher imkien f'dawn il-listi, u fuq l-employment history tal-istess attur, isem xi wahda mis-socejtajiet konvenuti ma jidhirx bhala principal tieghu. Dan izda ma jfissirx illi ma setax ikun hemm rabta ta' impjieg bejn is-socjetajiet konvenuti u l-attur; anzi mill-provi prodotti jirrizulta l-kuntrarju, u cioe': a) L-attur kien jithallas ammont fiss kull gimgha b) L-attur kien gie fdat bi credit cards tal-kumpanja biex jaghmel nefqiet barra minn Malta. It-Tribunal ra partikolarment l-invoice a fol. 113 tal-process li

[1] Fol. 2 u kontro-ezami fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2021
[2] Fol. 48
[3] Fol. 89
[4] Fol. 96

minnha jidher li l-attur qed jaghmel xi talba ghall-hlas. It-Tribunal ma setax jistabbilixxi illi din kienet effettivament invoice li ghamel l-attur. Iktar minn hekk, is-somma hemm indikata ma hix kompatibbli mal-ammonti li kien jithallas l-attur, ghaliex l-attur kien jithallas somom ta' hames mitt Euro (€500) kull darba, u mhux ammonti bic-centezmi, kif hemm indikat. Il-pagamenti gieli hargu kemm minn kumpanija wahda mill-konvenuti kif ukoll mill-ohra. Izda, kif inghad kienu johorgu iktar b'mod konsistenti minn Alfaran Trailers Maintenance and Logistics. Ghalhekk it-Tribunal iqis iktar kredibbli l-verzjoni tal-attur, fis-sens li huwa kien impjegat b'paga fissa, milli dik tas-socjetajiet konvenuti illi allegaw li l-attur kien jahdem ghal rasu u jaghmel il-fatturi. Ma saret l-ebda prova tal-hlas da parti tas-socjetajiet konvenuti ghall-perjodu li ghalih talab il-hlas l-attur, u ghalhekk ghat-Tribunal l-ammont mitlub f'pagi mill-attur fil-kawza odjerna huwa dovut.

Illi kwantu ghar-responsabbilta' tal-hlas lill-attur, ghalkemm huwa minnu illi kien hemm hlas ta' salarju li sar mis-socjeta' konvenuta John Abela Limited, ghandu jirrizulta mid-dokumenti illi l-hlasijiet kienu jsiru mis-socjeta' konvenuta Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Ltd., u ghalhekk ghandha tkun din is-socjeta' li thallas lill-attur, u l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta John Abela Limited ghandha tintlaqa', b'dan ghalhekk illi tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi kwantu ghall-kontro-talba, min-naha l-ohra, is-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti ssostni illi l-attur rikonvenzjonat, waqt li kien barra minn Malta, kien ihallas ghal oggetti li jkollu bzonn ghalih personalment minn credit card tal-kumpanija. L-intiza kienet illi din il-credit card kellha tintuza sabiex isiru spejjez relatati direttament mal-kumpanija, bhax-xiri tal-fuel. Ix-xhud Miriana Busuttil xehdet illi l-attur rikonvenzjonat ghandu jhallas lura lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti s-somma ta' €392.12, u esebiet rendikont tan-nefqiet li ghamel l-attur rikonvenzjonat waqt li kien barra, sabiex turi liema kienu l-ispejjez personali tieghu, u liema kienu dawk li saru ghall-kumpanija. It-Tribunal huwa sodisfatt li r-ricevuti esebiti, hafna minnhom minn supermarkets, huma ghal oggetti li l-attur

rikonvenzjonat kellu jikkonsma personalment. Dawn kellhom jinxtraw jekk xejn mill-paga tieghu u mhux bi flus il-kumpanija. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jara ghalhekk illi l-attur irid jirrifondi din is-somma lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi kwantu ghat-talba promotrici, jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta John Abela Limited u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, filwaqt li jichad l-eccezzjonijet tas-socjeta' konvenuta Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Ltd. u jordna lil din is-socjeta' thallas lill-attur is-somma ta' elf u mitt Euro (€1,100) bl-imghax kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv. In kwantu ghall-kontro-talba, it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat, u jilqa' parzjalment it-talbiet tas-socjeta' konvenuta rikonvezjonanti, u jordna ghalhekk lill-attur rikonvenzjonat ihallas lis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Ltd. is-somma ta' tliet mija u tnejn u disghin Euro u tnax-il centezmu (€392.12) bl-imghax kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez u drittijiet relattivi ghat-talba promotrici, inkluz dawk relattivi ghas-sentenza in parte, ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta Alfaran Trailers Maintenance and Logistics Services Ltd., hlief ghal dawk tas-socjeta' konvenuta John Abela Limited, li ghandhom jithallsu mill-attur. L-ispejjez u drittijiet relattivi ghall-kontro-talba ghandhom jithallsu mill-attur rikonvenzjonat.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur